

Brussell, 3 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6460/25

SOC 89
EMPL 61
ECOFIN 192
EDUC 40

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025 - Approvazzjoni

1. Il-Presidenza ħejjiet l-abbozz meħmuż ta' sett ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025.
2. Dan l-abbozz ta' Konklużjonijiet ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fis-27 ta' Frar 2025.
3. F'dik il-laqgħa, xi delegazzjonijiet talbu bidliet fit-test. Huma ssuġġerew b'mod partikolari li jsiru bidliet fir-rigward tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. Dan ġie oppost minn xi delegazzjonijiet.

4. Wara d-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma, il-Presidenza ddeċidiet li tbiddel it-test fil-paragrafu 12 billi żżid "bidla demografika" fi tmiem is-sentenza. Dan ġie aċċettat mid-delegazzjonijiet. Il-bidla l-oħra kienet relatata mal-paragrafu 17 u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali. It-test ta' kompromess issuġġerit mill-Presidenza f'konsultazzjoni informali bil-miktub ma setax jiġi aċċettat u għalhekk fit-3 ta' Marzu saret laqgħa bejn l-Attachés u l-Esperti tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali. F'din il-laqgħa d-delegazzjonijiet laħqu qbil dwar it-test tal-paragrafu 17.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat mistieden jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet lill-Kunsill (EPSCO) għall-approvazzjoni fil-laqgħa tiegħu fl-10 ta' Marzu 2025.

Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2025**

1. FILWAQT LI JILQA' l-fatt li l-eżiti tas-suq tax-xogħol baqgħu b'saħħithom fl-2023, bir-rata tal-impjiegi tal-UE li laħqet livell rekord ġdid ta' 75.3 % (żieda ta' 0.7 punti perċentwali mill-2022)¹ u r-rata tal-qgħad tal-UE laħqet livell baxx rekord ta' 6.1 % (tnaqqis ta' 0.1 punti perċentwali mill-2022).² FILWAQT LI JINNOTA li madwar 90 % tat-tkabbir fl-impjiegi fl-2023 irriżulta minn forza tax-xogħol li qed tespandi, inkluż tnaqqis ulterjuri fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għal 10.2 punti perċentwali (tnaqqis ta' 0.5 punti perċentwali mill-2022).
2. FILWAQT LI JENFASIZZA li, minkejja l-prestazzjoni b'saħħitha tas-suq tax-xogħol tal-UE, it-Tbassir tal-Ħarifa tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali fl-UE ta' bilkemm 0.9 % fl-2024, filwaqt li t-tkabbir fil-produttività tax-xogħol kompli jonqos għal 0.7 % fl-2023, meta mqabbel ma' medja annwali ta' 0.8 % bejn l-2010 u l-2019 u 1.4 % qabel l-2007. FILWAQT LI JFAKKAR li n-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet żdied b'mod sinifikanti fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri matul l-aħħar għaxar snin u, minkejja tnaqqis moderat fl-2024, dawn jibqgħu ostaklu ewlieni għall-produttività u t-tkabbir ekonomiku. FILWAQT LI JENFASIZZA li għad hemm lok konsiderevoli għal titjib fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'ċerti setturi, l-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' gruppi sottorappreżentati - inkluż in-nisa, il-ħaddiema akbar fl-età, iż-żgħażaġħ, il-persuni b'diżabilità, il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi - u li jippersistu disparitajiet regionali sinifikanti fl-Istati Membri.

¹ 80.4 % għall-irġiel (żieda ta' 0.5 punti perċentwali mill-2022) u 70.2 % għan-nisa (żieda ta' punt perċentwali mill-2022).

² 5.8 % għall-irġiel (tnaqqis ta' 0.1 punti perċentwali mill-2022) u 6.4 % għan-nisa (tnaqqis ta' 0.1 punti perċentwali mill-2022).

3. FILWAQT LI JENFASIZZA li wara tnaqqis sostanzjali (-3.7 % fl-2022 u -0.2 % fl-2023), fl-2024, il-pagi reali medji fl-UE kienu għadhom taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija tal-COVID-19 minkejja tnaqqis kontinwu fl-inflazzjoni, u li filwaqt li l-faqar fost dawk li jaħdmu werja tnaqqis żgħir (minn 8.5 % fl-2022 għal 8.3 % fl-2023), xorta għadu ogħla b'mod sinifikanti fost dawk f'forom ta' xogħol mhux standard. FILWAQT LI JILQA', madankollu, li ż-żidiet fil-pagi minimi statutorji bejn l-2023 u l-2024 fil-biċċa l-kbira jikkumpensaw it-telf tal-kapaċità tal-akkwist għall-ħaddiema b'paga minima fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. FILWAQT LI JFAKKAR fl-importanza ta' djalogu soċjali b'saħħtu u negozjar kollettiv effettiv fil-promozzjoni tal-iżviluppi fil-pagi u fit-trawwim ta' kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. FILWAQT LI JENFASIZZA li pagi ġusti jistgħu jsaħħu l-inċentivi għax-xogħol u jipproteġu l-kapaċità tal-akkwist b'mod partikolari ta' ħaddiema b'paga baxxa, waqt li jissalvagwardaw il-kompetittività.
4. FILWAQT LI JENFASIZZA li, fl-2023, aktar minn nofs il-ħaddiema temporanji kienu involontarjament fuq kuntratti bħal dawn fl-UE, b'differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri u inċidenza akbar għan-nisa u ż-żgħażaġh. FILWAQT LI JFAKKAR li l-perjodi ta' impjieg temporanju u part-time involontarju, speċjalment meta kkombinati ma' rati baxxi ta' tranżizzjoni lejn kuntratti aktar permanenti, jistgħu jwasslu għal lakuni fis-sigurtà tal-impjiegi u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol b'konsegwenzi wkoll fir-rigward tal-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata.

5. FILWAQT LI JINNOTA bi tħassib it-tnaqqis fil-ħiliet bażiċi b'mod partikolari fost l-istudenti u l-gruppi tal-popolazzjoni żvantaġġati (kif evidenzjat mill-istudji reċenti tal-PISA u tal-PIAAC)³, in-nuqqas ta' progress sinifikanti fil-parteeipazzjoni fit-tagħlim tal-adulti⁴, u l-progress kajman fil-ħiliet diġitali bażiċi. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li jissaħħu l-aċċess għall-edukazzjoni, l-oportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet u l-kwalità tagħhom, u t-tagħlim tul il-ħajja, sabiex titrawwem konverġenza soċjali 'l fuq madwar l-Istati Membri u jissaħħaħ il-potenzjal tal-produttività tal-UE fil-kuntest tal-avvanzi teknoloġiċi rapidi u t-tixjiħ tal-popolazzjoni.
6. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li, minkejja tnaqqis żgħir fl-għadd ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-2023, għad hemm disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri u r-reġjuni, u fost il-gruppi tal-popolazzjoni, b'riskji ta' faqar li għadhom oġhla għat-tfal, għall-anzjani, għall-persuni b'diżabilità, u għall-persuni mwielda barra mill-UE. FILWAQT LI JINNOTA bi tħassib li s-sehem ta' tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali żdied gradwalment mill-2019. FILWAQT LI JENFASIZZA li biex jiġi żgurat li tinżamm l-effettività tas-sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali bħala stabbilizzaturi makroekonomiċi u protezzjoni kontra r-riskji soċjali, il-modernizzazzjoni tagħhom trid tavvanza b'rispons għat-tranżizzjoni doppja, ix-xejriet demografiċi fit-tul u l-bidliet fid-dinja tax-xogħol.

³ OECD, [Do Adults Have the Skills They Need to Thrive in a Changing World?: Survey of Adult Skills 2023](#), OECD Skills Studies, OECD Publishing, Pariġi, 2024. Ikkonsultat wara l-pubblikazzjoni fl-10 ta' Diċembru 2024.

⁴ Eurostat: [estrazzjoni speċjali tar-rata ta' parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment matul dawn l-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol \(GOJT\), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti](#).

7. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID li l-kostijiet tal-akkomodazzjoni jibqgħu piż finanzjarju għal kważi nofs l-unitajiet domestiċi tal-UE u piż finanzjarju kbir għal kważi terz tal-unitajiet domestiċi tal-UE, filwaqt li l-faqar enerġetiku, kif imkejjel mis-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu djarhom imsaħħna b'mod adegwat, ilu jiżdied mill-2021. FILWAQT LI JFAKKAR li, fiż-żewġ każijiet, l-isfidi laqtu partikolarment ħażin lil dawk li diġà jinsabu friskju ta' faqar.
8. FILWAQT LI JENFASIZZA, fid-dawl tal-kuntest soċjoekonomiku msemmi hawn fuq, il-ħtieġa li titrawwem konverġenza ekonomika u soċjali 'l fuq billi jsir progress fil-miri ewlenin u nazzjonali tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, waqt li jitqies li:
- L-Unjoni qed tqarreb rapidament ir-rata tal-impjiegi ta' 78 % fl-2030 (75.3 % fl-2023), b'ħames Stati Membri li diġà kisbu l-miri nazzjonali tagħhom;
 - Għadhom meħtieġa sforzi sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-ħiliet li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw f'taħriġ kull sena sal-2030 fl-UE (39.5 % fl-2022), b'mod partikolari peress li l-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom lura fil-kisba tal-miri nazzjonali tagħhom;
 - L-isforzi jridu jiġu aċċellerati b'mod sinifikanti biex tintlaħaq il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar ta' tnaqqis fl-għadd ta' persuni friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali b'mill-inqas 15-il miljun sal-2030 (inkluż mill-inqas ħames miljun tifel u tifla). Il-pass tat-tnaqqis attwali bi tnaqqis ta' madwar 1.6 miljun irregiſtrat fl-UE bejn l-2019 u l-2023 mhuwiex biżżejjed biex tintlaħaq il-mira tal-UE, u kważi nofs l-Istati Membri kienu qed jaraw żieda fl-għadd ta' persuni friskju matul dan il-perjodu.

9. FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol kruċjali ta' politiki tas-suq tax-xogħol, dwar il-ħiliet, u ta' politiki soċjali koerenti u mfassla tajjeb biex jixprunaw it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u l-produttività, flimkien mal-kisba tal-oġġettivi soċjali. FILWAQT LI JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tat-tisħiħ tat-tfassil ta' politiki bbażat fuq l-evidenza biex jiġi vvalutat aħjar l-impatt tal-politiki dwar l-impjiegi, il-ħiliet u dawk soċjali fuq it-tkabbir ekonomiku, kif ukoll l-effetti potenzjali tal-politiki fuq il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-faqar jew l-esklużjoni soċjali, u l-inugwaljanzi.
10. FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol sinifikanti tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew+, kif ukoll tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fl-Istati Membri. FILWAQT LI JILQA' l-fatt li madwar terz tal-istadji importanti u l-miri inklużi fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza jappoġġaw direttament l-impjiegi, il-ħiliet u l-miżuri ta' politika soċjali.
11. FILWAQT LI JAGĦRAF is-sejbiet tal-analiżi speċifika għall-pajjiż ibbażata fuq il-prinċipji tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, f'konformità mal-oġġettivi tal-Artikolu 3(3), il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2024/1263, li ser jiġu segwiti mill-pubblikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni ta' analiżi tat-tieni stadju aktar dettaljata għall-għaxar Stati Membri identifikati fl-ewwel stadju bħala li qed jiffaċċaw riskji potenzjali għall-konverġenza soċjali 'l fuq.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

12. JAPPELLA lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, biex isaħħu l-politiki dwar il-ħiliet u s-suq tax-xogħol li jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti kif ukoll il-parteeipazzjoni fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari ta' gruppi sottorappreżentati. JAPPELLA lill-Istati Membri biex isaħħu tali politiki bil-ħsieb li jikkontribwixxu għall-kompetittività tal-UE u suq tax-xogħol u soċjetà inklużivi, inkluż billi jindirizzaw in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet - anke permezz ta' informazzjoni u tbassir imtejba tal-ħiliet - jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet għal impjiegi ta' kwalità, u jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, f'konformità mad-dinamika tas-suq tax-xogħol li qed tevolvi inkluż dik li tirriżulta mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi kif ukoll mill-bidla demografika.
13. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni u inklużjoni soċjali u jtejbu l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli u għal servizzi abilitanti u essenzjali, bl-għan li jitnaqqsu r-riskji tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari fost it-tfal. JAPPELLA lill-Istati Membri biex iżidu d-disponibbiltà ta' akkomodazzjoni affordabbli jew assistenza għall-akkomodazzjoni u jintensifikaw l-isforzi biex jeqirdu l-problema ta' persuni mingħajr dar.
14. JISTIEDEN lill-Istati Membri jwettqu regolarment valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* u *ex post* tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali, inkluż l-impatti distributtivi tagħhom.

15. JAPPELLA lill-Istati Membri biex iqisu s-sejbiet tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi meta jimplimentaw il-Pjan Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju tagħhom u jħejju r-Rapport ta' Progress Annwali relatat, f'konformità mal-ħtieġa li jsir rapport dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fi ħdan is-Semestru Ewropew. JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jimmonitorjaw l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali tal-Pjanijiet Fiskali-Strutturali fuq Terminu Medju u r-Rapporti ta' Progress Annwali u jirrappurtaw lill-Kunsill.
16. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta b'mod aktar sistematiku statistika diżaggregata skont is-sess fil-proposta annwali għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, sabiex jiġu identifikati u gradwalment jitnaqqsu d-differenzi li fadal bejn il-ġeneri.
17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, fil-ħidma li jmiss dwar il-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, sabiex tiffaċilita aktar l-identifikazzjoni tar-riskji u l-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq filwaqt li tikkunsidra aġġustamenti possibbli, flimkien mal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, b'mod partikolari billi tirrieżamina l-metodoloġija tal-analiżi tal-ewwel stadju u tindirizza n-nuqqasijiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali attwali kif ukoll tnaqqas il-piż amministrattiv tal-proċess, kif indikat fil-valutazzjoni mwettqa mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fl-2024. JISTIEDEN lill-Kumitat tal-Impjiegi u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali biex jeżaminaw is-sejbiet tal-analiżi tat-tieni stadju, bil-ħsieb li jinfurmaw lill-Kunsill dwar l-istat tal-konverġenza soċjali fl-Unjoni.